# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **27 TA' NOVEMBRU 2016**

**_Weekend_ Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**

Mill-Ġimgħa 25 sal-Ħadd 27 ta' Novembru 2016 qed jiġi organizzat *weekend* irtir fis-Seminarju tal-Arċisqof, ir-Rabar, għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bi tħejjija għall-Avvent li huwa vjaġġ li jwassalna għat-tama tagħna li huwa Ġesù.

**Ħarġa fil-Kampanja**

Illum / Għada, il-Ħadd 27 ta' Novembru 2016 flimkien mal-Kummissjoni Familja qed norganizzaw Ħarġa fil-Kampanja għal kulħadd fl-inħawi tal-Imtaħleb. Ser nitilqu fis-1:15pm minn quddiem is-Sala Sant'Anna, fl-4:00pm jkollna quddiesa fil-kappella tal-Imtaħleb u fil-5:00pm nitilqu lura lejn Wied il-Għajn.

**Siġra tal-Imħabba**

Bħas-snin ta' qabel din is-sena wkoll se norganizzaw is-Siġra tal-Imħabba. Dawn l-għotjiet ser imorru kollha għall-bżonnijiet ta' wħud mill-familji fil-bżonn tal-Parroċċa tagħna. Imdendlin mas-siġra issibu wkoll envelops li fihom ikun hemm il-bżonnijiet tat-tfal ta' dawn il-familji. Jekk jogħġobkom, min jieħu minn dawn l-envelops iġġibu dak li jkun hemm miktub fil-karta. Jekk tkun għalikom diffikulta', allura agħtu xi ħaġa tal-flus u poġġuha fil-kaxxa li hemm ħdejn is-siġra. Dan hu mod ieħor kif aħna nistgħu inferrħu lil ħaddieħor fil-bżonn f'dan iż-żmien tal-Milied.

**Pellegrinaġġ għal-Lourdes**

It-Tnejn 28 ta' Novembru 2016 fil-5:00pm ser issir laqgħa fis-Sala Sant'Anna għal dawk li ġejjin Lourdes bejn is-7 u ll ta' Diċembru 2016.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 28 ta' Novembru 2016 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 29 ta' Novembru 2016 **fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq is-Sibbien**.

**Laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof**

It-Tlieta 29 ta' Novembru fis-6.45pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof fil-Knisja Parrokkjali.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

Il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016 fis-6:30pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fis-Sala Sant'Anna.

**Kunċert b'risq id-Dar tal-Providenza**

Il-Ħamis l-1 ta' Diċembru fis-7.30pm fil-Katidral tal-Imdina se jittella' kunċert b'risq id-Dar tal-Providenza mill-Banda tal-Forzi Armati fl-okkażjoni tal-Ġimgħa tal-Persuni b'Diżabilità taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, is-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca u l-Arċisqof ta' Malta, Mons Charles J. Scicluna. Jitħabbar ukoll ir-rebbieħ tal-Premju Dun Mikiel Azzopardi 2016. Min jixtieq jattendi għall-kunċert li d-dħul tiegħu huwa b'xejn, jista' jċempel lil Radju RTK fuq 79493923 jew lid-Dar tal-Providenza fuq 21462844 jew permezz ta' email fuq info@dartalprovidenza.org

**Tberik tal-Familji**

Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2016 **fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq Gidwet** u **Triq is-Skiet**.

**L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar**

Il-Ġimgħa 2 ta' Diċembru 2016 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar għalhekk wara l-quddiesa tas-6:00pm ikollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.

**Ikla tal-Milied**

Il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fis-Soreda Hotel, il-Qawra. Fit-7:45pm nitilqgħu minn quddiem is-Sala Sant'Anna.

***New Year's Eve Party***

Is-Sibt 31 ta' Diċembru 2016 wara l-quddiesa tat-8:00pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna. Inħeġġukom sabiex iżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali. Nirringrazzjaw lil dawk li diġa' ibbukkjaw.

**Fuljett 'Flimkien'**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta' Diċembru 2016. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.